

**Brussell, 25 ta' April 2022  
(OR. en)**

**8377/22**

**EF 118  
ECOFIN 362  
DELECT 64**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

|                |   |
|----------------|---|
| minn:          | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur   |
| lil:           | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea   |
| Nru dok. Cion: | C(2022) 2162 final  |
| Suġġett:       | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 11.4.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għar-reqwizit ta' fondi proprji għal ditti tal-investiment abbażi ta' spejjeż ġenerali fissi |

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2022) 2162 final.

Mehmuż: C(2022) 2162 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.4.2022  
C(2022) 2162 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 11.4.2022**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għar-rekwiżit ta' fondi proprji għal ditti tal-  
investiment abbażi ta spejjeż ġenerali fissi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) Nru 2019/2033 (“ir-Regolament”) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara s-sottomissjoni tal-abbozz ta’ standards mill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), u f’konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, atti delegati biex tispeċifika l-kalkolu tar-reqwizit ta’ spejjeż ġenerali fissi u biex tiddefinixxi l-kunċett ta’ bidla materjali.

F’konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jstabilixxi l-EBA, il-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-abbozz tal-istandards, għandha tiddeċiedi tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista’ wkoll tapprova l-abbozz tal-istandards parzjalment biss, jew b’emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jesigū hekk, filwaqt li titqies il-proċedura speċifika stipulata f’dawk l-Artikoli.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

F’konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ppreżentati lill-Kummissjoni f’konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament. Għe ppubblikat dokument ta’ diskussjoni fis-sit tal-EBA fl-4 ta’ Ġunju 2020, u l-konsultazzjoni ngħalqet fl-4 ta’ Settembru 2020. Barra minn hekk, l-EBA ħadmet f’konsultazzjoni mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). Barra minn hekk, stiednet lill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati tal-EBA mwaqqaf f’konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex itiha parir dwar l-istandards tekniċi abbozzati. Flimkien mal-abbozz tal-istandards tekniċi, l-EBA ppreżentat spjegazzjoni dwar kif l-eżitu ta’ dawn il-konsultazzjonijiet tqies fl-iżvilupp tal-istandards tekniċi abbozzati finali ppreżentati lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-istandards tekniċi abbozzati, u f’konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA ppreżentat il-Valutazzjoni tal-Impatt tagħha, inkluż l-analiżi tagħha tal-kostijiet u l-benefiċċji, b’rabta mal-istandards tekniċi abbozzati ppreżentati lill-Kummissjoni. Din l-analiżi tinsab hawnhekk: <https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/investment-firms/regulatory-technical-standards-prudential-requirements-investment-firms>, il-paġni 60-85 tal-pakkett tal-Abbozz Finali tal-Istandards Tekniċi Regulatorji.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

Il-mandat skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament jitlob lill-EBA tiżviluppa l-istandards tekniċi abbozzati biex tissupplimenta l-kalkolu tar-reqwizit tal-ispejjeż ġenerali fissi. B’mod partikolari, l-istandards tekniċi abbozzati jispeċifikaw aktar it-tnaqqis li għandu jiġi applikat għall-kalkolu miċ-ċifri li jirriżultaw mill-istandards kontabilistiċi applikabbli li huma l-bażi għall-kalkolu tal-ispejjeż ġenerali fissi.

Minħabba li l-mandat huwa simili għall-mandat stabbilit fl-Artikolu 97(4) tas-CRR, dawn l-istandards tekniċi abbozzati huma bbażati fuq ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/488, huwa u jitqies il-kamp ta’ applikazzjoni usa’ u l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali meħtieġa. Fuq bażi simili ta’ dak ir-regolament delegat, iddaħħlu kriterji li jispeċifikaw il-kunċett ta’ bidla materjali fl-attività ta’ ditta tal-investment.

Barra minn hekk, l-istandards tekniċi abbozzati jiċċaraw il-partiti addizzjonali li għandhom jitnaqqsu mill-ispejjeż totali min-negożjanti tal-komoditajiet u tal-kwoti tal-emissjonijiet minħabba d-dettalji partikolari tal-attivitajiet imwettqa minn dawk l-impriżi.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 11.4.2022

### li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għar-reqwizit ta' fondi proprji għal ditti tal-investment abbażi ta' spejjeż ġenerali fissi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-reqwiziti prudenzjali għad-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014<sup>1</sup>, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 13(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Filwaqt li tqis li mhux id-ditti kollha tal-investment huma meħtiġa li jkollhom rapporti finanzjarji awditjati, ir-regoli li jispeċifikaw ir-reqwizit ta' fondi proprji għad-ditti tal-investment abbażi ta' spejjeż ġenerali fissi jenħtieġ li jippermetti lid-ditti ta' investment li jikkalkulaw ir-reqwizit ta' spejjeż ġenerali fissi wkoll fuq il-bażi ta' rapporti finanzjarji mhux awditjati, meta d-ditti tal-investment ma jkunux obbligati li jkollhom rapporti finanzjarji awditjati. Barra minn hekk, meta r-rapporti finanzjarji awditjati ma jkunux ikopru perjodu ta' 12-il xahar, jenħtieġ li d-ditta ta' investment tagħmel kalkolu biex tasal għal ammont annwali ekwivalenti, sabiex tiżgura l-konsistenza mar-reqwizit tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.
- (2) Minħabba li d-differenza bejn il-profitti grossi u netti fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' ditta huma rrappreżentati mill-kostijiet fissi tat-tmexxija tal-attività tad-ditta, it-tnaqqis mill-kostijiet totali ta' ditta ta' investment tal-ishma fil-profitt tal-impjegati, tad-diretturi u tas-sħab imsemmija fl-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033 jenħtieġ li jinftiehem li qed jirreferi għall-profitti netti.
- (3) Barra minn hekk, minħabba li l-ħlas tal-bonusijiet tal-persunal u remunerazzjoni oħra jistgħu jiġu differiti biż-żmien u jistgħu jsegwu strutturi ta' ftehim differenti, dawn il-bonusijiet u remunerazzjoni oħra jenħtieġ li jitqiesu bħala li jiddependu fuq il-profitt nett meta dan ma jkollu ebda impatt fuq il-pożizzjoni kapitali tad-ditta, jew minħabba li l-pagamenti diġà jkunu saru jew minħabba n-nuqqas ta' obbligu ta' ħlas fil-każ tan-nuqqas ta' profitt nett.
- (4) Id-ditti tal-investment għandhom jinkludu l-kostijiet fissi ta' partijiet terzi fil-kalkolu tal-ispejjeż totali tagħhom. Madankollu, meta daww il-ispejjeż ma jkunux kompletament imġarrba f'isem id-ditti tal-investment, dawn jenħtieġ li jiġu inklużi sal-ammont attribwibbli lid-ditta tal-investment.

---

<sup>1</sup> ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1.

- (5) Mhux id-ditti tal-investment kollha jużaw l-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju u hemm differenzi fl-istandards tal-kontabbiltà applikabbli fil-kalkolu tal-kostijiet totali. L-elementi li jkollhom jitnaqqsu mid-ditti tal-investment mill-ispejjeż totali tagħhom użati għall-kalkolu tar-rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi jenħtieġ li jiġu speċifikati aktar, flimkien ma' dawk ipprovduti fl-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033, sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà fil-kalkolu tar-rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi.
- (6) B'mod konsistenti mal-partikolarità tan-negożju tan-negożjanti tal-komoditajiet u tal-kwoti tal-emissjonijiet, l-ispejjeż relatati mal-materja prima jenħtieġ li jitnaqqsu min-negożjanti tal-komoditajiet u tal-kwoti tal-emissjonijiet mill-ispejjeż totali użati fil-kalkolu tar-rekwiżiti tal-ispejjeż ġenerali fissi tagħhom.
- (7) F'każ li ditta tal-investment li tkun ġeneratur tas-suq tiġi stralċjata, din tieqaf tipprovdni s-servizzi tagħha ta' ġenerazzjoni tas-suq u għalhekk ma tibqax iġġarrab it-tariffi tan-negożjar li normalment iġġarrab meta tipprovdni dawk is-servizzi. Għalhekk, jenħtieġ li dan it-tariffi jiġu esklużi mill-ispejjeż totali użati biex jiġi kkalkulat ir-rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi. Fl-istess ħin, fil-każ ta' stralċ, il-ġeneratur tas-suq jista' jkompli jkollu inventarju tat-titoli li normalment juża fl-attivitajiet tiegħu ta' ġenerazzjoni tas-suq. Jekk dan l-inventarju jiġi likwidat, iwassal għal tariffi tan-negożjar li jenħtieġ li jiġu inklużi fl-ispejjeż totali użati għall-kalkolu tar-rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi.
- (8) L-ispejjeż ġenerali fissi jistgħu jevolvu b'pass simili għall-attivitajiet tad-ditta tal-investment, u f'dak il-każ ma għandhomx jitqiesu bħala bidliet materjali għall-finijiet tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033. Madankollu, jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn tibdil, bħal bidliet fil-mudelli tan-negożju jew fużjonijiet u akkwizzizzjonijiet, jistgħu jsejnhu u jirriżultaw f'varjazzjonijiet sinifikanti fl-ispejjeż ġenerali fissi proġettati. Għalhekk, ir-regoli li jispeċifikaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għad-ditti tal-investment abbażi tal-ispejjeż ġenerali fissi għandhom jistabbilixxu limiti oġġettivi bbażati fuq l-ispejjeż ġenerali fissi proġettati għall-fini li jiġi speċifikat il-kunċett ta' bidla materjali.
- (9) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz istandards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-Awtorità Bankarja Ewropea lill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.
- (10) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>.

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

##### *Artikolu 1*

##### *Kalkolu tar-rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, iċ-“ċifri li jirriżultaw mill-istandards kontabilistiċi applikabbli” għandhom jirreferu għaċ-ċifri tar-rapporti finanzjarji annwali awditjati l-aktar reċenti ta' ditta tal-investment wara

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

d-distribuzzjoni tal-profitti jew tar-rapporti finanzjarji annwali meta d-ditti tal-investment ma jkunux obbligati li jkollhom rapporti finanzjarji awditjati.

2. Meta r-rapporti finanzjarji awditjati l-aktar reċenti tad-ditta ta' investment ma jirriflettux perjodu ta' 12-il xahar, id-ditta ta' investment għandha taqşam l-ammonti inklużi f'dawn ir-rapporti fl-għadd ta' xhur li huma riflessi f'dawk ir-rapporti finanzjarji u wara għandha timmultiplika r-riżultat bi 12 sabiex tipproduċi ammont annwali ekwivalenti.
3. Għall-finijiet tal-Artikolu 13(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/2033, l-ishma fil-profitti tal-impjegati, tad-diretturi u tas-sħab għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-profitti netti.
4. Għall-finijiet tal-Artikolu 13(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/2033, il-bonusijiet tal-persunal u remunerazzjoni oħra għandhom jitqiesu li jiddependu fuq il-profitt nett tad-ditta tal-investment fis-sena rispettiva fejn jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) il-bonusijiet tal-persunal jew remunerazzjoni oħra li għandha titnaqqas, diġà jkunu tħallsu lill-impjegati fis-sena ta' qabel is-sena tal-pagament, jew il-pagament tal-bonusijiet tal-persunal jew remunerazzjoni oħra lill-impjegati ma jkollhom l-ebda impatt fuq il-pożizzjoni kapitali tad-ditta fis-sena tal-pagament;
  - (b) fir-rigward tas-sena kurrenti u s-snin futuri, id-ditta mhijiex obbligata li tagħti jew li talloka aktar bonusijiet jew pagamenti oħrajn fil-forma ta' remunerazzjoni sakemm ma tagħmilx profitt nett f'dik is-sena.
5. Meta partijiet terzi, inklużi aġenti marbuta, ikunu ġarrbu spejjeż fissi, f'isem id-ditti tal-investment, li mhumiex diġà inklużi fl-ispejjeż totali fir-rapport finanzjarju annwali msemmi fil-paragrafu 1, dawn l-ispejjeż fissi għandhom jizjeddu mal-ispejjeż totali tad-ditta tal-investment. Meta jkun hemm disponibbli diżaggregazzjoni tal-ispejjeż tal-parti terza, ditta tal-investment għandha żżid maċ-ċifra li tirrappreżenta l-ispejjeż totali, is-sehem biss ta' dawk l-ispejjeż fissi applikabbli għad-ditta tal-investment. Meta tali diżaggregazzjoni ma tkunx disponibbli, ditta tal-investment għandha żżid maċ-ċifra li tirrappreżenta l-ispejjeż totali, is-sehem tagħha biss tal-ispejjeż tal-parti terza peress li tirriżulta mill-pjan tan-negozju tad-ditta tal-investment.
6. Minbarra l-entrati għat-tnaqqis imsemmija fl-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033, l-entrati li ġejjin għandhom jitnaqqsu wkoll mill-ispejjeż totali, fejn dawn ikunu inklużi taħt l-ispejjeż totali f'konformità mal-qafas kontabilistiku rilevanti:
  - (a) tariffi, imposti ta' senserija oħrajn imħallsa lil kontropartijiet ċentrali, boroż u postijiet tan-negozjar oħrajn u sensara intermedji għall-finijiet tal-eżekuzzjoni, ir-reġistrazzjoni jew l-ikklerjar ta' tranżazzjonijiet, biss meta dawn jiġu mgħoddija direttament lill-klijenti u jiġu imposti fuqhom. Dawk ma għandhomx jinkludu tariffi u imposti oħrajn meħtieġa biex tinżamm is-sħubija jew biex b'xi mod ieħor jiġu ssodisfati l-obbligi finanzjarji tal-kondiviżjoni tat-telf għal kontropartijiet ċentrali, boroż u ċentri tan-negozjar oħrajn;
  - (b) imgħax imħallas lill-klijenti fuq il-flus tal-klijenti, fejn ma jkun hemm l-ebda obbligu ta' kwalunkwe tip li jitħallas tali imgħax;

- (c) nefqiet minn taxxi fejn ikunu dovuti fir-rigward tal-profitti annwali tad-ditta tal-investment;
- (d) telf min-negozjar akkont proprju fi strumenti finanzjarji;
- (e) pagamenti relatati ma' ftehimiet ta' trasferiment ta' profitt u ta' telf ibbażati fuq kuntratt li skonthom id-ditta tal-investment hija obbligata tittrasferixxi, wara t-tħejjija tar-rapporti finanzjarji annwali tagħha, ir-riżultat annwali tagħha lill-impriża omm;
- (f) pagamenti f'fond għal riskju bankarju ġenerali f'konformità mal-Artikolu 26(1), il-punt (f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>;
- (g) spejjeż relatati ma' entrati li diġà tnaqqsu mill-fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Minbarra l-elementi elenkati fl-ewwel subparagrafu, il-ġeneraturi tas-suq, kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (7) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, jistgħu wkoll inaqqsu l-ammont li ġej (*A*):

$A = B - 4 \times C$ , fejn:

*B* = it-tariffi tan-negozjar imħallsa mill-ġeneratur tas-suq għal tranżazzjonijiet li għalihom il-ġeneratur tas-suq jipprovdi attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq (ammont annwali), fejn daww it-tariffi ma jkunux ġew mgħoddija u imposti direttament fuq il-klijenti;

*C* = tariffi tan-negozjar li jiġġarrbu għall-bejgħ ta' portafoll ta' titoli ekwivalenti għall-akbar inventarju ta' titoli fi tmiem il-jum, miżmuma mill-ġeneratur tas-suq għal skopijiet ta' ġenerazzjoni tas-suq, matul is-sena preċedenti.

### *Artikolu 2*

*Kalkolu tar-rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi għan-negozjanti tal-komoditajiet u tal-kwoti tal-emissjonijiet*

In-negozjanti tal-komoditajiet u tal-kwoti tal-emissjonijiet jistgħu jnaqqsu n-nefqa fuq il-materja prima b'rabta ma' ditta tal-investment li tinneozja f'derivattivi tal-komodità sottostanti.

### *Artikolu 3*

*Il-kunċett ta' bidla materjali*

Bidla materjali msemija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033 għandha titqies li tkun seħħet meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) bidla, jew fil-forma ta' żieda jew fil-forma ta' tnaqqis, fl-attività kummerċjali tad-ditta tirriżulta f'bidla ta' 30 % jew aktar fl-ispejjeż ġenerali fissi proġettati tad-ditta għas-sena kurrenti;

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

<sup>4</sup> Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

- (b) bidla, jew fil-forma ta' żieda jew fil-forma ta' tnaqqis, fl-attività tan-negozju kummerċjali tirriżulta f'bidliet fir-rekwiżiti ta' fondi proprji tad-ditta bbażati fuq spejjeż ġenerali fissi proġettati tas-sena kurrenti ugwali għal jew akbar minn EUR 2 miljun.

*Artikolu 4*  
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11.4.2022

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*